Il-Kummissjoni Ewropea

#DSM

Is-Suq Uniku Diġitali

Nagħmlu l-aqwa użu mill-opportunitajiet diġitali fl-Ewropa

IL-KUMMERĊ ELETTRONIKU FL-UE: Kif int tista' tagħmel l-aħjar użu minnu bħala konsumatur

L-internet ġab bidla kbira fil-mod kif aħna nixtru. Madankollu, ostakli online persistenti ma jħalluniex ingawdu l-aċċess sħiħ għal oġġetti u servizzi li qed jiġu offruti min-negozji fl-UE. L-Unjoni Ewropea ilha taħdem biex telimina dawn l-ostakli minn meta tnediet l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali f'Mejju 2015.

19% tal-konsumaturi jixtru online minn pajjiż ieħor tal-UE

9% tal-kumpaniji jagħmlu bejgħ transfruntier

IL-PROBLEMA TAL-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU GĦALL-KONSUMATURI:

L-imblukkar ġeografiku ma jħalliniex nużaw l-internet minn Stat Membru tal-UE u ma jħalliniex nixtru minn sit web ibbażat fi Stat Membru ieħor, u dan hu problema kbira għall-UE.

IL-PROBLEMI PRINĊIPALI LI JIRRIGWARDAW L-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU FL-2015

63% tas-siti web ma ħallewx lix-xerrejja jixtru minn pajjiż ieħor tal-UE.

IL-BEJJIEGĦA BL-IMNUT ONLINE TAL-EU28 GLOBALI (2015)

95%	jippermettu aċċess għall-istess sit web u juru l-istess prodott
72%	jippermettu r-reġistrazzjoni
49%	jikkonsenjaw l-oġġetti fil-pajjiż tax-xerrej
42%	jaċċettaw il-metodu tal-ħlas tax-xerrej
37%	jaċċettaw id-dettalji tal-kard ta' kreditu tax-xerrej

Total **37%** biss tas-siti web jippermettu lix-xerrejja jixtru online minn pajjiż ieħor tal-UE

L-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU SKONT IS-SETTUR (2015)

Apparat elettrodomestiku	86%
Elettronika u ħardwer tal-kompjuter	79%
Logħob tal-kompjuter u softwer	73%
Ilbies, żraben u aċċessorji	65%
Prodotti kożmetiċi u għall-kura tas-saħħa	63%
Kotba	60%
Riżervi online ta' divertiment kif ukoll offline	40%
Servizzi tal-ivvjaġġar	33%

Dan jirriżulta **f'inqas dħul għall-kumpaniji** u **f'inqas għażla għall-konsumaturi**.

Updated 22 October 2018

L-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU: L-UNJONI EWROPEA X'QIEGĦDA TAGĦMEL DWARU?

Ir-regoli l-ġodda se jidħlu fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2018, fl-Unjoni Ewropea kollha.

Huma ser jiżguraw li ma nibqgħux niffaċċjaw ostakli mhux ġustifikati bħal meta niġu ridiretti għal sit web ta' pajjiż speċifiku, jew li jkollna nħallsu b'kard tad-debitu jew tal-kreditu ta' ċertu pajjiż.

Dawn se jtemmu d-diskriminazzjoni online abbażi tan-nazzjonalità jew il-post ta' residenza.

Nagħżlu minn fejn nagħżlu nixtru, il-bejjiegħa online għandhom jittrattaw il-konsumaturi kollha tal-UE b'mod ugwali.

X'MHUWIEX KOPERT BIR-REGOLI ĠODDA TAL-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU?

Servizzi ta' trasport | Servizzi finanzjarji għall-konsumatur | Servizzi awdjoviżivi

Dan huwa minħabba li diġà hemm regoli speċifiċi għas-setturi li ħadu kont tal-ispeċifiċitajiet ta' dawn is-servizzi.

Servizzi ta' trasport:

id-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u l-post ta' residenza hija diġà pprojbita għall-biljetti tal-ajru, tat-trasport bix-xarabank u bil-kowċ, u għat-trasport fuq l-ilma fir-regolament dwar it-trasport tal-UE.

servizzi finanzjarji għall-konsumatur:

Hemm regoli fis-seħħ li jikkonċernaw: l-ipoteki, il-ftuħ ta' kont bankarju jew ix-xiri transfruntier ta' assigurazzjoni.

REGOLI SPEĊIFIĊI BL-GĦAN LI JIFFAĊILITAW L-AĊĊESS GĦAS-SERVIZZI AWDJOVIŻIVI:

Servizzi awdjoviżivi:

l-iffaċilitar tal-aċċess għal servizzi awdjoviżivi bejn il-fruntieri huwa parti minn inizjattivi oħrajn skont l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.

Il-portabbiltà transfruntiera ta' kontenut online minn April 2018, l-Ewropej jistgħu jużaw l-abbonamenti online tagħhom għal films, avvenimenti sportivi, kotba elettroniċi, logħob tal-vidjow jew mużika meta jivvjaġġaw fl-UE.

Regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħrajn huma applikabbli għal ċerti trażmissjonijiet online: liċenzjar iktar faċli għal trażmissjonijiet online u aċċess transfruntier.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Medja Awdjoviżiva: Ir-regoli tal-UE għal medja awdjoviżiva li tippromwovi xogħlijiet Ewropej u tippreserva d-diversità kulturali

Il-Kummissjoni ser tirrevedi (fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament) il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kif ukoll l-inklużjoni potenzjali ta' servizzi mhux awdjoviżivi (softwer, logħob, kotba elettroniċi, mużika) skont il-klawżola ta' nondiskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni se tanalizza wkoll jekk f'setturi oħrajn, bħas-servizzi fil-qasam tat-trasport u s-servizzi awdjoviżivi, għandhiex tiġi eliminata kwalunkwe restrizzjoni mhux ġustifikata li fadal bbażata fuq in-nazzjonalità, il-post ta' residenza jew il-post ta' stabbiliment.

X'IPPROPONIET LI TTEJJEB L-UNJONI EWROPEA FIL-KUMMERĊ ELETTRONIKU GĦALL-KONSUMATURI: SKEDA TA' ŻMIEN

- Regoli kuntrattwali diġitali tal-UE modernizzati proposti f'Diċembru 2015, qed jiġu diskussi
- Patt Ġdid għall-Konsumaturi li jsaħħaħ id-drittijiet online, propost f'April 2018, qed jiġi diskuss.
- April 2018: Servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera aktar affordabbli
- Maqbul f'Ottubru 2018: Regoli ġodda li jippermettu l-istess rati baxxi tal-VAT għal kotba elettroniċi bħar-rati tal-kotba stampati ekwivalenti tagħhom
- Diċembru 2018: Tmiem l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat
- Jannar 2021: Regoli tal-VAT issimplifikati li jagħmluha aktar faċli biex tixtri u tbigħ online
- Jannar 2020: Ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur riveduti

BIEX NAGĦMLU L-KONSENJI TAL-PAKKETTI TRANSFRUNTIERA ORĦOS

Regoli ġodda dwar is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera online ilhom fis-seħħ minn Mejju 2018, u b'hekk saret eħfef għalik biex tibgħat pakkett minn Stat Membru għal ieħor.

KONT TAF?

Il-prezzijiet għall-konsenja tal-pakketti transfruntiera huma bħala medja minn tliet sa ħames darbiet ogħla mill-prezzijiet ta' konsenja domestika, mingħajr raġunijiet ċari li jispjegaw id-differenza.

62 % tal-kumpaniji li jixtiequ jbigħu online jidentifikaw l-ispejjeż għolja tal-konsenja bħala problema.

L-UNJONI EWROPEA KIF QIEGĦDA TIPPROTEĠIK BĦALA KONSUMATUR ONLINE?

Minn Jannar 2020, se jidħlu fis-seħħ regoli ġodda li se jagħmluha aktar faċili għall-awtoritajiet nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi online

Se jitneħħew siti jew kontijiet tal-midja soċjali fejn ġew identifikati inganni

L-awtoritajiet se jkunu jistgħu jitolbu informazzjoni mill-forniturі tas-servizz tal-internet jew mill-banek, biex jittraċċaw l-identità tal-operaturi tas-suq online diżonesti

Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi se jkunu jistgħu jħabbru twissijiet dwar prattiki ħżiena

F'April 2018, il-Kummissjoni pproponiet "Patt Ġdid għall-Konsumaturi" li se jsaħħaħ id-drittijiet online tal-Konsumatur:

Il-postijiet tas-suq online ser ikollhom jinfurmawk jekk intix qed tixtri mingħand operatur tas-suq jew individwu privat, biex b'hekk tkun taf x'inhuma drittijietek jekk xi ħaġa tmur ħażin.

Meta inti tfittex online, inti se tkun infurmat b'mod ċar meta riżultat ta' tiftixa ikun qed jitħallas minn operatur tas-suq.

Is-swieq online se jkollhom jinfurmawk dwar il-parametri ewlenin li jiddeterminaw l-ordni tar-riżultati.

Meta tħallas għal servizz diġitali, tibbenefika minn ċerti drittijiet ta' informazzjoni biċ-ċans li tikkanċella l-kuntratt tiegħek fi żmien 14-il jum. Il-Patt Ġdid għall-Konsumaturi jestendi dan id-dritt għal servizzi diġitali "b'xejn" u ser japplika għal kemm żmien il-fornitur jista' juża d-data tiegħek (eż. servizzi ta' cloud storage, midja soċjali jew kontijiet tal-posta elettronika).

KONT TAF?

Wara skrinjar ikkoordinat tat-tqabbil tal-prezzijiet u tas-siti web tal-bookings tal-ivvjaġġar fl-UE f'Ottubru 2016, żewġ terzi tas-siti skrinjati (235 minn 352) kienu qed iqarrqu fil-prezzijiet.

Skont l-Ekonomiċi Study on Consumer Digital Content Products, wieħed minn kull tliet utenti online – 70 miljun ċittadin tal-UE – esperjenzaw problemi relatati mal-liġi kuntrattwali meta aċċessaw il-kontenut online. Barra minn hekk, 10 % biss irċievew rimedju.

KIF QED JITTEJBU D-DRITTIJIET KUNTRATTWALI TIEGĦEK?

Il-Kummissjoni pproponiet regoli ġodda għall-kuntratti diġitali li bħalissa qegħdin jiġu diskussi mill-Parlament u mill-Kunsill. Il-Kummissjoni pproponiet:

Drittijiet ċari għall-konsumaturi meta jkunu qed jaċċessaw kontenut diġitali u servizzi diġitali. Jekk dak li tirċievi ma jkunx dak li qbiltu fuqu jew mhux kif stennejt li jkun b'mod raġonevoli, int ser ikollok drittijiet kuntrattwali speċifiċi. Id-drittijiet tiegħek ser japplikaw ukoll meta int tipprovdi d-data personali lill-operatur tas-suq mingħajr ma tħallas prezz.

Protezzjoni tal-konsumatur adegwata meta tkun qed tixtri "oġġetti intelligenti" bħalma huma ġugarelli konnessi.

@DigitalSingleMarket #geoblocking #eCommerce #DigitalSingleMarket